TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Illum 25 ta' Frar, 2026

***C.C.T 16/26/MS***

| Samuel Mangion | vs. | Arthur Vassallo |
|---|---|---|

***Rikorrent:*** **Samuel Mangion**

***Intimat:-*** **Arthur Vassallo**

***VERBAL***

Meta ssejjħet il-kawża deher ir-rikorrent Samuel Mangion assistit minn Dr Sarah Sultana.

L-intimat debitament notifikat ma deherx u ma ppreżentax risposta.

Xehed Samuel Mangion bil-ġurament.

In vista tal-fatt illi l-intimat ma deherx ir-rikorrent talab illi t-talba tiegħu tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

It-Tribunal ra id-dispożizzjoni tal-Artiklu 12.1 tal-LS 378.01, ra illi l-intimat debitament notifikat ma deherx u lanqas għamel risposta.

Sema' ix-xhieda bil-ġurament tar-rikorrent u jiddikjara l-istadju tal-provi tal-partijiet magħluqa.

Ingħatat sentenza

Illi t-Tribunal rega' ra l-atti kollha tal-każ u qies ix-xhieda mogħtija mir-rikorrent;
Illi t-Tribunal ma għandux għalfejn jiddubita mix-xhieda li ta r-rikorrent li apparti li huwa verosimili, ma ġietx kontestata u hija ukoll korroborata b'dokumentazzjoni:

Għalhekk, wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha inkluż il-kontumaċja tal-intimat u wara li ra id-dispożizzjonijiet tal-Artiklu 12.1 tal- LS 378.01 qed jilqa' it-talba tar-rikorrent u jikkundanna lill intimat biex iħallas lir-rikorrent is-somma ta' tlett elef ewro (€3,000), bi dritt tal-intimat li jieħu lura l-arloġġ mertu tal-każ wara li jsir id-debitu ħlas. Bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Justine Bezzina**
**Segretarja tat-Tribunal**

Samuel Mangion bil-ġurament.

Qed nikkonferma l-Avviż tat-talba tiegħi bil-ġurament. Qed nippreżenta sett ta' ritratti tal-arloġġ fejn juri sadid fejn hemm immarkat. Aħna konna nitkellmu permezz ta' telefonati. Jiena meta għidtlu dam qishu sena biex ilestiħ li huwa normali. Jiena ġbartu end of November 2024 u kont ordnajtu lejn l-aħħar ta' 2023. Wara irranġaħ darbtejn is-sadid reġa ħareġ it-tielet darba. Qed nippreżenta l-irċevuta.